MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 25/2005

**Recoinvest Limited**

**vs**

**Catherine Ripard**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ Awissu, 2005, l-Arbitru fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

“Illi dawn il-proceduri arbitrali nbdew in segwitu ta’ vertenza li nqalghet bejn il-partijiet wara li kienu kkonkludew “Franchise Agreement” fis-7 ta’ April 2003. L-artiklu 28 tal-ftehim jipprovdi specifikament li kwalunkwe vertenza bejn il-partijiet kellha tigi avvanzata fi proceduri arbitrali a tenur tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi permezz tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, l-intimata Catherine Ripard, li kienet ilha snin tiggestixxi hanut fi Triq Bisazza, tas-Sliema, b' titolu ta' kera, obbligat ruhha li taddatta l-generu tan-negozju minn gewwa dan il-hanut sabiex isir bejgh ta' goielleria supplit lilha mis-socjeta rikorrenti Recoinvest Limited. Bis-sahha tal-ftehim l-isem tal-hanut kellu jinbidel ghal "Jewels & Co - Inspirational Jewelers" u l-partijiet ftehmu dwar is-sistema li kellha tintuza ghall-operazzjoni ta' dan il-hanut - inkluz il-kapital li kellha tohrog is-socjeta rikorrenti sabiex il-hanut jingieb il-quddiem - il-qsim ta' profitti bejn il-partijiet u diversi aspetti ohra. Essenzjalment ghalhekk il-ftehim bejn il-partijiet jista' jitqies bhala "joint venture" ghad li jissejjah "Franchise Agreement" li bis-sahha tieghu l-kontribuzzjoni ta' l-intimata kienet il-hanut li kellu posizzjoni f' lokalita kummercjali f' tas-Sliema, waqt li l-kontribuzzjoni tas-socjeta rikorrenti kienet il-kapital finanzjarju sabiex il-hanut jigi trasformat bi benefikati appositi ghall-generu ta' negozju intiz oltre li jissupplixxi l-oggetti li kellhom jinbieghu mill-istess hanut. Inoltre is-socjeta rikorrenti kienet qed tipprovdi "know how" li kienet akkwisat matul perjodu ta' snin peress illi gja kienet f'dan it-tip ta' negozju ghal numru ta' snin.

Illi n-negozju mill-hanut in kwistjoni beda jsehh a tenur tal-ftehim ghall-habta ta' Lulju tas-sena 2003 u jidher illi ghall-ewwel xhur sa l-ahhar ta' dik is-sena, ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti kienu mill-ahjar. Il-bejgh tal-prodotti kien sejjer tajjeb u jidher illi l-qliegh li kien qed isir, tenut kont tal-fatt illi n-negozju kien ghadu fil-bidu, kien wiehed li jipprometti.

Illi mill-provi li ngabu mill-partijiet, partikolarment dawk imressqa mill-intimata, jidher li kien hemm riservi dwar certi aspetti tal-ftehim u anke dwar certi aspetti li jikkoncernaw id-dewmien li kien hemm wara l-iffirmar tal-ftehim sakemm beda jopera l-hanut u diversi aspetti ohra li jikkoncernaw gestjoni ta' stabbiliment kummercjali, il-kwalita tal-materjal u tax-xoghol li sar fil-benefikati li saru fil-hanut u kwistjonijiet ohra dwar il-gestjoni tan-negozju.

Jidher illi mix-xhieda ta' l-intimata, kellha diversi lmenti dwar il-komportament tas-socjeta rikorrenti wkoll.

Illi ciononostanti, skond l-atti skambjati bejn il-partijiet huwa evidenti illi l-kwistjoni odjerna hija limitata ghac-cirkostanzi li wasslu ghat-terminazzjoni tal-kuntratt u l-interpretazzjoni ta' certi pattijiet fl-imsemmi ftehim.

Illi t-talba tas-socjeta rikorrenti hija msejsa fuq il-klawsola 15.2.3 tal-ftehim billi fil-fehma taghha r-raguni li giet avvanzata mill-intimata biex isostni illi l-ftehim kien gie xjolt u mahlul ma kenitx legalment sostenibbli. Fil-fehma tas-socjeta rikorrenti t-terminazzjoni kontemplata fl-imsemmi artiklu ma kenitx tali li ggib it-terminazzjoni tal-kuntratt *ipso jure* jew ahjar tali li ma tinnecessitax dikjarazzjoni giudizzjarja dwar ix-xjoljiment tal-ftehim. Is-socjeta rikorrenti ghalhekk issostni illi l-intimata ma kellha ebda dritt tinvoka din il-klawsola u tqis li l-kuntratt kien gie xjolt *ipso jure* minghajr ma tirrikorri lejn tribunal biex tottjeni dikjarazzjoni f' dan is-sens u konsegwentement is-socjeta rikorrenti tqis din it-terminazzjoni bhala wahda unilaterali u arbitrarja. Is-socjeta rikorrenti titlob risarciment tad-danni sofferti minnha minhabba din it-terminazzjoni illegali. Oltre dan, is-socjeta rikorrenti qeghda tesigi ordni a tenur ta' l-artiklu 7.2 tal-ftehim li bis-sahha tieghu l-intimata obbligat ruhha li matul il-perjodu kontemplat fil-kuntratt u matul sena wara li jiskadi jew jittermina l-kuntratt, ma tezercitax kummerc fl-istess linja ta' prodotti jew f' negozju simili ghal dak li kien kontemplat fil-kuntratt.

Illi fid-difiza taghha l-intimata qeghda tibbaza ruhha ghal kollox fuq l-imsemmi artiklu 15.2.3 tal-ftehim. Skond l-intimata l-kundizzjoni kontemplata fl-artiklu citat avverat ruhha u kwindi l-ftehim gie xjolt awtomatikament. Illi l-intimata ssostni wkoll illi hija bdiet topera fl-istess generu ta' negozju wara l-iskadenza ta' sena li gie xjolt il-kuntratt.

Illi fl-istess waqt l-intimata tressaq talba rikonvenzjonali u titlob li s-socjeta rikorrenti tigi kundannata tirrifondi l-profitti li gew percepiti mid-data tat-terminazzjoni tal-ftehim u cioe fis-26 ta' Gunju 2003 sa' April 2004.

Illi s-socjeta rikorrenti tikkontesta din it-talba ta' l-intimata. Hija tikkontendi illi la darba l-istess intimata baqghet topera u tiggestixxi n-negozju minn gewwa l-hanut in kwistjoni a bazi tal-pattijiet riflessi fil-ftehim tas-7 ta' April 2003, hija ma ghandha ebda dritt titlob rifuzjoni tal-profitti.

Illi bla dubju ta' xejn l-ewwel materja li tabilfors trid tigi indirizzata f' dan l-istadju tikkoncerna l-implikazzjoni tal-klawsola 15.2.3. tal-ftehim kif ukoll l-effetti giuridici ta' kondizzjoni rizoluttiva.

Kondizzjoni Rizoluttiva

Illi l-artiklu 15.2 tal-ftehim jipprovdi hekk:-

*This Agreement shall automatically terminate without notice being given to the Franchisee in any of the following events:-*

Is-sub-artiklu rilevanti huwa l-artiklu 15.2.3 li jipprovdi:-

*If judicial action is initiated by the Landlord of the Premises for its recovery owing to any default by Franchisee.*

Illi fis-26 ta' Gunju 2003 gie presentat rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera minn Joseph Spiteri, sid il-hanut mikri lil Catherine Ripard fi triq Bisazza, tas-Sliema. Il-bazi ta' din it-talba hija li l-intimata ghamlet tibdil strutturali fil-hanut minghajr il-kunsens tas-sid. Jirrizulta mbaghad illi b'digriet tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Mejju 2004 giet awtorizzata zieda fil-kawzali tat-talba fis-sens li l-inkwilina Catherine Ripard issullokat u / jew cediet il-lokazzjoni tal-fond "in toto" jew "in parte" lil terzi.

Illi dan ir-rikors jidher li gie notiflkat lill-intimata ftit wara li beda jopera l-hanut fis-7 ta' Lulju 2003. Roderick Carabott jixhed hekk f'dan ir-rigward:

*"After we opened the shop on the 7th July 2003, I learnt that in June 2003 the Landlord had initiated judicial*

*proceedings against respondent. In fact I received a copy of the judicial act directly from Catherine Ripard. My immediate reaction on hearing this was that they should not worry because our legal advisors had assured us that the lease would not be jeopardised. I also told respondent that she should not worry as in April 2003 the Landlord had actually accepted the payment of one year's rent in advance. I even suggested to respondent who accepted that my legal advisor would follow the proceedings with her lawyer. In fact, my lawyer informed me that even respondent's lawyer was convinced that the landlord could not be successful with his action. From that point onwards we continued operating normally and never mentioned the judicial proceedings again."*

Ma jidhirx ghalhekk li l-partijiet qiesu l-ftehim ta' bejnethom bhala xjolt bis-sahha tal-klawsola 15.2.3 tal-ftehim. Semmai jirrisulta li l-partijiet komplew bir-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom sal-Milied tal-2003 meta l-intimata bdiet tilmenta dwar il-qliegh. Bejn Jannar u Frar tal-2004 saru diversi laqghat bejn il-partijiet f' tentattiv li jirrisolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom pero ma jirrizultax illi l-intimata qatt qajmet il-kwistjoni dwar il-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera u x' impatt seta' kellhom dawn il-proceduri fuq il-ftehim. L-ewwel darba li fil-fatt saret riferenza specifika ghall-dawn il-proceduri fil-Bord li Jirregola l-Kera u senjatament il-klawsola 15.2.3 tal-ftehim kienet fl-ittra ufficcjali li giet presentata mill-intimata fit-2 ta' Marzu 2004. F' din l-ittra ufficcjali l-intimata nformat lis-socjeta rikorrenti li kienet qeghda tittermina l-ftehim b' effett immedjat a bazi tar-ragunijiet kontemplati fl-artikli 15.2.1 u 15.2.3 tal-ftehim. In oltre l-intimata tat avviz ukoll illi l-ftehim kien qed jigi terminat minhabba diversi inadempjenzi da parti tas-socjeta rikorrenti fosthom dawk kontemplati fl-artikli 15.3.3, 15.3.9, 5.1.2, 5.1.3 u 5.1.4. Minn hemm il-quddliem gew skambjati diversi ittri bejn il-konsulenti legali tal-partijiet minghajr pero ma ntlahaq qbil.

Illi nonostante dak li gie premess fl-imsemmija ittra ufficcjali mill-intimata, l-eccezzjoni avvanzata minnha f' dawn il-proceduri hija limitata fis-sens illi fil-fehma taghha il-ftehim in kwistjoni gie xjolt *ipso jure* meta avverat ruhha

il-kondizzjoni kontemplata fl-artiklu 15.2.3 tal-ftehim. Fl-istess hin is-socjeta rikorrenti wkoll fit-talba taghha tillimita ruhha ghall-implikazzjonijiet legali ta’ l-artiklu 15.2.3 tal-ftehim bhallikieku fl-ittra ufficcjali in kwistjoni ma nghata ebda avviz tat-terminazzjoni tal-kuntratt a bazi ta’ ragunijiet ohrajn kif indikat u b’ riferenza ghall-klawsoli specifici fil-ftehim.

Illi l-kondizzjoni rizoluttiva hija kontemplata fl-Artiklu 1066 (1) tal-Kodici Civili li jipprovdi:

*Il-kondizzjoni rizoluttiva hija dik illi, meta ssehh tholl l-obbligazzjoni u terga’ tqieghed il-hwejjeg fl-istess stat bhal kieku l-obbligazzjoni ma kienet qatt maghmula.*

*Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni, izda, jekk il-grajja mahsuba fil-kondizzjoni tigri, il-kreditur ikun obbligat irodd lura dak li jkun irceva.*

L-artiklu 1067 tal-Kodici Civili mbaghad jipprovdi:

*Jekk il-kondizzjoni rizoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall ipso jure u l-Qorti ma tista’ taghti ebda zmien lill-konvenut.*

B’kuntrast ma dan, l-artiklu 1068 jikkontempla l-kondizzjoni rizoluttiva tacita f’ liema kaz il-kuntratt ma jinhallx *ipso jure* u l-Qorti tista’ skond ic-cirkostanzi taghti zmien xieraq lill-konvenut.

Illi n-nuqqas ta’ qbil bejn il-kontendenti mhuwiex daqstant dwar il-fatt jekk il-kondizzjoni rizoluttiva skattatx hekk kif gew istitwiti il-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera izda dwar il-htiega o meno ta’ l-intervent tal-Qorti biex jigi pronunzjat xjolt u rizolt il-ftehim b’ effett ta’ dikjarazzjoni giudizzjarja.

Illi minn qari akkurat ta’ l-artiklu 1067 tal-Kodici Civili, jidher car il-hsieb tal-legislatur hu li fejn il-kondizzjoni rizoluttiva hija espressa, il-kuntratt jinhall *ipso jure.* L-esponent pero japprezza illi l-kwestjoni hija aktar komplessa minn hekk l-aktar minhabba d-divergenza li

hemm fost l-awturi stabbiliti ll jikkumentaw dwar disposizzjonijiet simili fil-Kodici Civili Taljan kif ukoll mill-gurispridenza lokali li f' certu sens jirriflettu l-istess veduti divergenti.

Giorgi f' Teoria delle Obbligazioni (Vol IV p. 216) jikkumeta hekk:

*"Sebbene infatti nessuno dubiti, che le parti hanno facolta di pattuire la risoluzione del contratto ipso jure, non sono concordi le opinioni nel risolvere, se a tale effetto basti, che il patto commissorio sia stipulato espressamente, ovvero sia anche necessaria la esplicita dichiarazione, che il contratto debba risolversi senza bisogno di pronunzia giudiziale. Marcade, Larombiere, Demolombe, Mourlon, Colmet de Santerre, Aubry et Rau, Masse, Masse' et Verge, Godart e Pacifici Mazzoni, fondandosi principalmente sopra alcune parole sfuggite a Bigot-Preumeneu nell'esporre i motivi del art. 1184 del Codice Napoleone al Corpo Legislativo, esigono la dichiarazione esplicita. All'incontro Delvincourt, Toullier, Duranton, Troplong Laurent, Galavresi ritengono, che il patto commissorio espresso operi la risoluzione di pieno diritto ancorche le parti non lo abbiano detto, purche risulti che tale e' stata la loro volonta. E quantunque il dissidio sia entrato anche nella giurisprudenza, pure e' questa la opinione prevalente. A noi sembra pure la opinione piu ragionevole; purche per altro, seguendo le giusti osservazioni del Laurent e del Gallavresi, si comprenda che la questione e' di massima parte d'interpretazione: consiste cioe nell'indovinare la volonta delle parti."*

Illi fil-Principii di Diritto Civile ta' Laurent, (p. 110) jinghad car u tond illi:

*"E' questa la differenza essenziale che intercede fra la condizione risolutiva espressa e la tacita - la prima ha luogo per volonta delle parti; la seconda risulta dalla sentenza del giudice. Da qui consegue che, nella ipotesi della risoluzione espressa, il giudice, per regola, non interviene. E' il contratto che ha precedentemente pronunziato la risoluzione pel sopraggungere di un*

*determinato evento: verificandosi la condizione il contratto e' risolto."*

Illi anki fil-gurisprudenza taghna, jidher illi ma hemmx konsistenza fid-decizjonijiet li nghataw f' dan ir-rigward. Fis-sentenza citata mis-socjeta rikorrenti 'Fedele Grima vs Francesco Le Brun' (Vol. V p. 413 - 18.11.1870) gie deciz illi f' kull kaz jenhtieg dikjarazzjoni tal-Qorti biex jintlahaq l-effett ta' kondizzjoni rizoluttiva, sew jekk tkun espressa sew jekk tkun tacita. Aktar recenti fil-kawza 'Vincent Albert Muscat v. Rudolphe Xuereb noe' (Qorti ta' l-Appell - 28.01.2000) gie ritenut illi l-fatt illi l-partijiet f' kuntratt ikkonvenew illi jekk id-debitur jibqa' inadempjenti, il-Bank ikollu d-dritt li jitolbu, permezz ta' ittra ufficcjali, li jhallas u f' kaz li jibqa' ma jhallasx fi zmien xahar minn notifika ta' ittra ufficcjali, il-bilanc dovut u l-interessi kien ikun pagabbli a semplici rikjesta bil-miktub, ma kienx jeskludi l-obbligu tal-kreditur illi jitlob il-verifika giudizzjara tal-fatt tad-dekadenza. Anke fis-sentenza fl-ismijiet 'Francis Abela et v. Karl Bonello noe' (Appell 31.05.2002) gie ritenut illi "…. *il-mod kif giet formulata t-talba attrici hija difettuza ghaliex din titlob biss u mill-ewwel l-izgumbrament - haga li ma setghetx tintalab qabel ma ssir ukoll talba giudizzjali ghax-xjoljiment tal-kirja."*

Illi b' kuntrast ma' dawn is-sentenzi insibu ohrajn li ghandhom motivazzjoni opposta. Issir riferenza partikolari ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet 'Calcedonio Ciantar vs Francis Grech et' deciza fil-21 ta' Mejju 1965 fejn gie rilevat illi:

*'Fil-fehma tal-Qorti huwa car li altru li wiehed jghid illi "l-kreditur ghandu interess li jaccerta giudizzjarjament il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni u altru li wiehed jghid illi "awtorizzazzjoni gudizzjali hi necessarja." Jekk tigi accettata din it-tieni verzjoni tar-regola jigri illi, f' kazijiet ta' din ix-xorta, il-kreditur ma jkun jista' qatt jipprocedi ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu iehor minghajr il-precedenti awtorizzazzjoni giudizzjali tant illi jekk jipprocedi ghall-ezekuzzjoni minghajr dik il-precedenti awtorizzazzjoni jista' jigi milqugh bl-eccezzjoni relattiva. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jidhirx korrett. Dak li hu*

*korrett hu biss li jinghad illi l-kreditur ghandu interess jew ahjar, jista' jkollu interess li, qabel jipprocedi ghall-ezekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni giudizzjali tal-verifikazzjoni tal-kondizzjoni."*

Illi wara li l-esponent haseb fit-tul fuq dan l-aspett tal-vertenza, huwa tal-fehma illi hija l-volonta tal-partijiet kontraenti kif riflessa fil-ftehim li ghandha tigi applikata u fin-nuqqas ta' diffikulta ta' interpretazzjoni, il-konferma ossia d-dikjarazzjoni tal-giudikant mhijiex necessarja biex titwettaq ir-rieda tal-partijiet. Fic-cirkostanzi attwali tal-kaz in ezami, mhemmx dubbju illi l-intenzjoni tal-kontendenti kienet li hekk kif is-sid tal-hanut jipprocedi giudizzjarjament ghall-izgumbrament ta' l-inkwilina, il-ftehim jitqies li inhall *ipso jure.* Il-klawsola per se hija cara u ma toffri l-ebda diffikulta ta' interpretazzjoni. Ma kienx necessarju ghalhekk illi tintalab mill-partijiet xi dikjarazzjoni giudizzjarja aktar u aktar meta il-fatt illi s-sid fetah dawn il-proceduri ma kienx kontestat. Isegwi ghalhekk illi a tenur ta' l-artiklu 15.2.3, il-ftehim kellu jitqies al menu mill-bidu ta' Lulju 2003, meta presumibbilment giet notifkata l-intimata bil-proceduri u mbaghad gharrfet b' dan lis-socjeta rikorrenti, xjolt.

<u>Rinunzja</u>

Illi nonostante l-premess, jidher illi l-partijiet ma riedux iqiesu l-kuntratt bhala xjolt jew al menu ma apprezzawx l-implikazzjonijiet li kellu dan il-fatt fuq ir-relazzjonijiet kuntratwali ta' bejniethom. Il-fatt hu illi l-partijiet tkellmu kif setghu jiddefendu ruhhom u jikkoperaw flimkien biex igibu fix-xejn it-theddida li setghet tikkrea l-kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u fuq kollox baqghu jadempixxu ruhhom ma' l-obbligi rispettivi taghhom naxxenti mill-ftehim tas-7 ta' April 2003. Jirrizulta illi sa' Dicembru ta' l-2003, in-negozju bejn il-partijiet sar regolarment, il-partijiet implimentaw l-istess kuntratt, baqghu t-tnejn juzufruwixxu mill-beneficcji kollha li setghu igawdu tahtu u baqghu wkoll josservaw l-obbligazzjonijiet li assumew u sahanistra iqassmu l-profitti bejniethom kif previst fil-kuntratt. Bejn Jannar u Frar tas-sena 2004 il-partijiet ukoll komplew

jesegwixxu l-obbligi taghhom anke jekk il-problemi ta' bejniethom bdew jimmanifestaw ruhhom b' aktar certezza.

Illi certament l-agir ta' l-intimata matul il-perjodu bejn Lulju u Dicembru tal-2003 mhuwiex kompatibbli mal-posizzjoni li hadet permezz ta' l-ittra ufficcjali spedita lis-socjeta rikorrenti fit-2 ta' Marzu 2003. L-arbitru ma jsib l-ebda gustifikazzjoni legali kif l-intimata tista' tippretendi li l-ftehim in kwistjoni kien gie xjolt awtomatikament f' Lulju ta' l-2003 meta hi stess ghazlet li tinjora ghal kollox l-impatt li seta' kellhom il-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fuq il-kuntratt in kwistjoni. Fuq kollox imbaghad tezisti kuntraddizjoni fil-fatt illi fl-ittra ufficcjali in kwistjoni l-intimata tqies li l-ftehim qed jigi xjolt b' effett immedjat u mhux meta avverrat ruhha l-kondizzjoni originarjament u cioe meta gew istitwiti l-proceduri fil-Bord li Jirregola l-Kera. L-arbitru ma jistax jifhem ghalhekk fuq liema bazi l-intimata tista' tissottometti illi l-ftehim kien qed jigi terminat b'effett ta' l-ittra ufficcjali meta l-klawsola giet dejjem kunsidrata minnha, sahansitra anke f' dawn il-proceduri bhala kondizzjoni rizoluttiva espressa b' effett ipso jure.

Illi l-provi juru bic-car illi l-partijiet, ghazlu xjentement li jesegwixxu l-obbligi rispettivi taghhom. Hija rilevanti ghalhekk is-sentenza li ccitat s-socjeta rikorrenti fl-ismijiet '<u>Louis Soler v. Nazzareno Vassallo</u>' (PA. 20.06.2002) li rriteniet illi:

*"L-agir ta' persuna ghandu jkun konformi mal-posizzjoni li dik il-persuna trid tiehu fil-kuntest u jekk dak l-agir ikun ambigwu jew mhux konformi mal-posizzjoni rigida li dik il-persuna trid tiehu, ma tistax aktar isserrah fuq dik il-posizzjoni rigida li ma tkun konformi mal-agir taghha."*

Insibu dan il-kuncett rifless kemm fid-dritt kif ukoll fil-gurisprudenza taghna. Hekk per ezempju issir riferenza ghall-artikli 1227 et seq tal-Kodici Civili dwar ratifika ta' obbligazzjoni li kontra taghha l-ligi taghti l-jedd ta' l-azzjoni jew l-eccezzjoni ta' rexissjoni minhabba nullita. F'dawk il-kazijiet ta' bejgh fejn ix-xerrej jilmenta li l-oggett supplit mhuwiex tal-kwalita pattwita, l-accettazzjoni ta' l-oggett titqies bhala akkwijexxenza.

Illi fid-dawl tal-premess l-esponent huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni sollevata mill-intimata mhijiex sostenibbli proprju minhabba l-mod kif ikkomportat ruhha matul il-perjodu bejn Lulju u Dicembru 2003 - komportament li fih innifsu jekwivali ghal rinunzja ghall-effetti naxxenti mill-klawsola 15.2.3 tal-ftehim de quo.

Illi ladarba il-partijiet ghazlu li jwettqu l-obbligi rispettivi taghhom u b' hekk irrinunzjaw ghall-effetti tal-klawsola 15.2.3, il-partijiet kienu fid-dover li jonoraw il-kuntratt in buona fede sakemm ma jinvokax xi rimedju iehor kontemplat fil-kuntratt li jwassal ghar-risoluzzjoni tal-kuntratt. Isegwi ukoll illi t-talba rikonvenzjonali mressqa mill-intimata ma tistax tirnexxi. L-intimata ma tistax tippretendi illi s-socjeta rikorrenti tirrifondiha l-profitti percepiti matul il-kors tal-kuntratt meta fl-istess waqt hija stess kienet qed twettaq l-obbligi taghha u tqies il-kuntratt bhala vinkolanti. L-argument li dawn il-pagamenti kienu qed isiru indebitament ma jistax jigi legalment sostnut fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi kif gja gie rilevat f' dan il-lodo, fl-ittra ufficcjali tat-2 ta' Marzu 2004, l-intimata ghazlet li tinvoka ragunijiet ohra biex tittermina l-kuntratt. Dan il-fatt johloq certa diffikolta ghas-semplici raguni illi hadd mill-partijiet ma segwa l-pretensjonijiet dedotti f' din l-ittra ufficcjali f' dawn il-proceduri arbitrali. Is-socjeta rikorrenti fit-talba taghha ma taghmel ebda accenn ghar-ragunijiet moghtija mill-intimata li wasslu biex taghti avviz ta' terminazzjoni, nonostante li fil-korrispondenza li segwiet l-imsemmija ittra ufficcjali, hija kkontestat dawn l-ilmenti. Fl-istess hin l-intimata ma taghmel l-ebda riferenza ghall-inadempjenzi li allegat fil-konfront tas-socjeta rikorrenti la fl-eccezzjonijiet u wisq anqas fil-kontro talba minnha avvanzata, anke jekk ix-xhieda ta' l-intimata u tax-xhieda l-ohra minnha prodotti fil-maggior parti jixhdu dwar dawn l-ilmenti.

La darba pero il-partijiet ghazlu li ma jestendux din il-vertenza oltre ghall-kwistjoni li tirrigwarda l-artiklu 15.2.3 tal-kuntratt, l-esponent iqis illi huwa ma ghandux il-kompetenza mehtiega li jindaga dan l-aspett tal-kwistjoni

u ghalhekk qed jillimita l-indagni tieghu ghal dak li gie strettament dedott kemm fit-talba tas-socjeta rikorrenti kif ukoll fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet u talba rikonvenzjonali ta’ l-intimata. Bhala fatt pero, l-arbitru ma jistax jinjora l-fatt illi bl-effett ta’ l-ittra ufficcjali prezentata fit-2 ta’ Marzu 2004, l-intimata, tajjeb jew hazin, tat avviz lis-socjeta rikorrenti li kienet qeghda tittermina l-ftehim ghar-ragunijiet l-ohra indikati. Dan l-istat ta’ fatt ghandu certu implikazzjonijiet dwar il-likwidazzjoni tad-danni kif ser jinghad aktar il-quddiem f’ dan il-lodo.

<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>

Illi ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, is-socjeta rikorrenti qed tippretendi risarciment kemm ghall-benefikati li ghamlet fil-hanut in kwistjoni kif ukoll ghat-telf ta’ profitt li kieku kienet taghmel matul il-kors tal-perjodu previst fil-kuntratt.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-benefikati li saru fil-hanut, ma hemm l-ebda kontestazzjoni li dawn saru esklussivament mis-socjeta rikorrenti kif del resto kienet tenuta taghmel skond il-kuntratt. Dwar l-ammont tal-benefikati jirrisulta illi s-socjeta rikorrenti hadet self minn bank lokali fis-somma ta’ tmintax-il elf lira u li l-intimata kienet nghatat stima mahduma mis-socjeta rikorrenti (dok. CR1) fejn kien gie kalkolat investiment ta’ tmintax-il elf u mitejn u hamsin lira (Lm 18,250).

Illi l-intimata tilmenta mill-kwalita tax-xoghol li sar fil-hanut izda fl-istess hin naqset li ggib l-ahjar prova biex tissostanzja dawn l-ilmenti. Jigi notat illi waqt il-proceduri hija kienet bi hsiebha tipproduci lill-Perit Valerio Schembri ghall-prova teknika izda eventwalment irrinunzjat ghalih. Dan qed jinghad apparti l-fatt illi l-intimata ma ressqet l-ebda eccezzjoni formali f’ dan ir-rigward.

Illi a tenur tal-klawsola 16.1.1 tal-ftehim, jidher illi l-partijiet ikkontemplaw x’ danni ghandhom ikunu pagabbli f’ kull kaz ta’ rizoluzzjoni tal-kuntratt. Il-parti rilevanti tal-klawsola tghid testwalment illi:-

*"Upon termination of the agreement, howsoever occasioned, Franchisee shall pay Franchisor the value of all the expenses incurred by Franchisor in finishing and furnishing the Premises, less a depreciation allowance to be computed by the Franchisor's auditors."*

L-intenzjoni tal-partijiet ghalhekk giet espressa b' mod illi f' kull kaz li jwassal ghax-xjoljiment u rizoluzzjoni tal-kuntratt, u mhux limitatament jew necessarjament ghal dawk ir-ragunijiet espressament elenkati fl-artiklu 15 tal-kuntratt, tkun xi tkun ir-raguni li wasslet ghax-xjoljiment, l-intimata kienet obbligata thallas u tirrofondi lura lis-socjeta rikorrenti l-ispejjez inkorsi ghall-benefikati maghmula fil-hanut de quo u dan wara li jsir tnaqqis minhabba deprezzament. L-arbitru huwa tal-fehma ghalhekk illi t-talba tas-socjeta rikorrenti ghal-likwidazzjoni tal-profitti li talvolta setghet rceviet ma tistax tintlaqgha. Kif gja intqal anke jekk il-vertenza li giet sottomesa lill-Arbitru f' dan il-kaz hija limitata ghall-wahda mir-ragunijiet migjuba mill-intimata bhala bazi ghat-terminazzjoni tal-ftehim, l-Arbitru fl-istess hin ma jistax jinjora l-fatt li fl-ittra ufficcjali tat-2 ta' Marzu 2004 l-intimata tat ragunijiet ohra ghat-terminazzjoni. L-Arbitru mhuwiex kompetenti jidhol fil-mertu ta' dawn ir-ragunijiet l-ohra pero bhala fatt ma jistax jigi injorat illi l-kuntratt gie ukoll xjolt mill-intimata minhabba dawn ir-ragunijiet l-ohra. Dan qed jigi sottolinjat minhabba l-fatt illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed kellu iqis li skond l-intenzjoni tal-partijiet, l-artiklu 16.1.1. kellu jigi applikat biss f' dawk il-kazijiet ta' terminazzjoni elenkati fl-artiklu 15 tal-ftehim, f' dan il-kaz ukoll il-ftehim jipprovdi illi l-unika tip ta' danni pagabbli lis-socjeta rikorrenti kienu jkunu l-ispejjez erogati ghall-benefikati.

Illi konsegwentement l-esponent qieghed jillikwida l-ammont ta' tmintax-il elf lira bhala l-ammont li nefqet is-socjeta rikorrenti ghall-imsemmija benefikati. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas ammont li jirrapresenta id-deprezzament kif kontemplat fl-artiklu fuq citat. Fin-nuqqas ta' prova jew stima ta' deprezzament maghmula mill-awdituri tas-socjeta rikorrenti, l-arbitru sejjer japplika ir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena liema rata hija l-

prassi kummercjali. Din ir-rata pero ghandha titnaqqas ukoll peress illi prattikament il-kontendenti ghamlu seba' xhur joperaw il-hanut. Fic-cirkostanzi ghalhekk ir-rata ta' sitta fil-mija **(6%)** ghandha titnaqqas bhala rata ta' deprezzament, liema ammont ta' kumpens pagabbli mill-intimata jammonta ghal sittax-il elf tmien mija u tletin lira (Lm16,920.00), bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mit-2 ta' Marzu 2004 sal-pagament effettiv. L-esponent qed jordna li l-imghax ghandu jigi kalkolat minn din id-data peress li hija d-data meta l-intimata ghar-ragunijiet li dehrilha hi, avzat lis-socjeta rikorrenti li kienet qed tqis il-kuntratt xjolt u b' hekk kienet tenuta tikkumpensaha a tenur ta' l-artiklu 16.1.1 hawn fuq citat. Fuq kollox l-ammont kien gja likwidat salv ghar-rata ta' deprezzament li wiehed seta' facilment jasal ghaliha.

<u>L-artiklu 7.2 tal-ftehim</u>

Illi tibqa' finalment il-kwistjoni sollevata mis-socjeta rikorrenti dwar l-artiklu 7.2 tal-ftehim. F' din il-klawsola il-partijiet ftehmu hekk:-

*The Franchisee covenants during the term of this Agreement and for a period of one year after the expiration or termination for any reason of this Agreement whether itself or together with any other person, firm or company in any capacity whatsoever directly or indirectly not be engagaed or interested or concerned in the sale of Products or like products or in any business which in the sole opinion of the Franchisor is similar to or competitive or in conflict with the Business.*

Din il-klawsola hija tipikament maghrufa bhala wahda "in restraint of trade" u ghalkemm hija cara minnha nfisha, timporta certa komplessita ghaliex kif anke ritenut minn Baudry - <u>Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile</u> - Vol. XXI p. 51 tuttavia tutte le clausole di questo genere debbono essere interpretate restrittivamente nell' interesse dell' impiegato." Kif anke ritenut mill-Qrati taghna fil-kawza <u>Joseph Xerri noe v. Brian Clarke</u> deciza fil-31 ta' Lulju 1969, klawsoli bhal dawn jattiraw certu skrutinju fid-dawl ta' l-artiklu 985 tal-Kodici Civili li jipprovdi li f' kuntratt,

materja li tkun immorali, impossibli, espressament ipprojbita mil-ligi jew kontra l-ordni pubbliku mhijiex lecita.

Illi aktar recenti insibu sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Attilio Vassallo Cesareo et noe v. Anthony Cilia Pisani, deciza fil-31 ta' Jannar 2003, li fiha hemm riassunt esawrenti ta' kif klawsoli bhal dawn in esami gew kunsidrati kemm fid-dritt ingliz kif ukoll fid-dritt taljan. Ta' interess partikolari hija r-riferenza ghas-sentenza moghtija mill-House of Lords fl-ismijiet Nordenfelt vs Maxim Nordenfelt Guns and Ammunition Co. Ltd (1894) fejn gew stabbiliti s-segwenti kriterji f'dan il-kuntest:-

*1. All restraints of trade, in the absence of special justifying circumstances are contrary to public policy and therefore void.*
*2. It is a question of law for the decision of the Court whether the special circumstances adduced do or do not justify the restraint; and if a restraint is not justified, the Court will, if necessary, take the point since it relates to a matter of public policy and the Court does not enforce agreements which are contrary to public policy;*
*3. A restraint can only be justified if it is reasonable (a) in the interests of the contracting parties and (b) in the interests of the public;*
*4. The onus of showing that a restraint is reasonable between the parties rests upon the person alleging that it is so, that is to say upon the covenantee. The onus of showing that notwithstanding that a covenant is reasonable between the parties, it is nevertheless injurious to the public interest and therefore void, rests upon the party alleging it to be so, that is to say usually upon the covenantor. But once the agreement is before the Court it is open to scrutiny in all its surrounding circumstances as a question of law.*

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri is-socjeta rikorrenti strahet ghal kollox fuq il-klawsola nfisha u ma gabet ebda prova jew sottomissjonijiet ulterjuri. Minn naha taghha l-intimata llimitat il-posizzjoni taghha fis-sens illi ghaddiet aktar minn sena mid-data meta fil-fehma skattat il-kondizzjoni

rizoluttiva, haga li kif gja gie deciz aktar qabel f' dan il-lodo, mhijiex sostenibbli ghar-ragunijiet gja avvanzati.

L-arbitru b' danakollu xorta wahda ihossu fid-dmir li jevalwa l-validita tal-klawsola in kwistjoni anke fid-dawl tad-dottrina li gja saret riferenza ghaliha u b' mod partikolari l-implikazzjonijiet dwar l-ordni pubbliku. L-arbitru jhoss illi filwaqt li s-socjeta rikorrenti seta' kellha kull gustifikazzjoni li tirrestringi lill-intimata fl-attivita taghha wara li tinhall mill-kuntratt u dan biex tissalvagwardja l-interessi kummercjali u patrimonjali taghha, b' danakollu jonqsu mill-patt u l-ftehim in generali mizuri adekwati li jharsu lill-intimata. Jista' jinghad ukoll li mhuwiex daqstant ragjonevoli li l-intimata, li tiddependi fuq l-ghixien taghha mill-hanut in kwistjoni, f' suq Malti li fih innifsu huwa dejjem ristrett, tkun projbita milli tesercita l-kummerc kif jidhrilha, aktar u aktar meta fil-ftehim ma gie pattwit l-ebda forma ta' kumpens bhala quid pro quo ghal tali projbizzjoni. Illi fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent qieghed jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti biex tinhareg ordni fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-artiklu 7.2 tal-ftehim.

<u>Decizjoni</u>

Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni u t-talba rikonvenzjonali avvanzati mill-intimata Catherine Ripard, jiddikjara illi ghalkemm ma kienx legalment necessarju illi l-intimata tipprocedi giudizzjarjament biex tottjeni dikjarazzjoni illi l-ftehim tas-7 ta' April 2003 kien xjolt *ipso jure* a tenur ta' l-artiklu 15.2.3 tal-ftehim de quo, jigi deciz pero illi r-raguni migjuba mill-intimata fis-sens li l-istess ftehim kien gie xjolt a tenur ta' l-artiklu 15.2.3. tal-ftehim mhijiex legalment sostenibbli fic-cirkostanzi tal-kaz.

L-intimata qeghda tigi kundannata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' Lm 16,920.00 (Sittax-il elf disa' mija

u ghoxrin elf lira)[1] bl-imghax bit-tmienja fil-mija dekoribbli mit-2 ta’ Marzu 2004 sal-pagament effettiv.

It-talba tas-socjeta rikorrenti biex tinghata ordni a tenur ta’ l-artiklu 7.2. tal-ftehim hija michuda.

L-ispejjez fic-cirkostanzi, kemm dawk ta’ l-arbitru kif ukoll tac-Centru Malti ta’ l-Arbitragg jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.”

Fil-kontestazzjoni tad-decizjoni ta’ l-Arbitru r-rikorrenti Catherine Ripard tressaq dawn l-aggravji:-

(1) L-Arbitru applika malament ir-regoli dwar kif kellha ssir il-prova tad-danni. Hi tissottometti illi s-socjeta` Recoinvest ma pprovathomx fil-mod dettat mill-Artikolu 35 tal-Kapitolu 387;

(2) Meta l-Arbitru ddecieda li l-kuntratt gie xjolt *ipso jure* hu messu waqaf hemm u mhux jinoltra ruhu biex jiddeciedi jekk il-partijiet kienux irrinunzjaw ghall-effetti tax-xoljiment;

(3) Kwantu ghall-imghax fuq l-ammont likwidat kien messu gie ordnat illi dan jibda jiddekorri mid-data tad-decizjoni;

It-twegiba tas-socjeta` appellata hi artikolata fis-sens segwenti:-

(1) In linea preliminari, l-irritwalita` ta’ l-appell ghall-motiv li l-appellanti naqset milli tezawrixxi r-rimedji kontemplati fl-Artikoli 47, 48 u 49 tal-Kapitolu 387;

[1] Disa’ kelmiet fil-parentesi mhassra u mibdula b’dawn: “sittax-il elf disa’ mija u ghoxrin lira”. Korrezzjoni awtorizzata bid-digriet tat-12 ta’ Marzu, 2008 moghti mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri).

(2) L-appellanti naqset milli tispecifika jekk kienetx qed tappella fit-termini ta' l-Artikolu 70 jew 70A ta' l-istess Kapitolu 387;

(3) F' kull kaz, l-appellanti ma avvanzat ebda aggravju li jolqot punt ta' dritt, kif hekk jirrikjedi espressament l-Artikolu 70B tal-ligi specjali. Dan anke ghaliex jonqsu r-rekwiziti specifikati fl-Artikolu 70A (3);

(4) F' kull kaz ukoll, ma ghadx ghad hemm "final award" li minnu seta' jsir appell billi ghad hemm pendenti quddiem l-Arbitru numru ta' talbiet addizzjonali promossi minnha. L-appell ghandu allura jitqies intempestiv u prematur;

(5) Fil-meritu, salv ghall-kjarifiki u t-talbiet addizzjonali taghha lill-Arbitru, l-Arbitru sewwa ddecieda u l-appell, kif impustat, ghandu allura jigi respint;

Fermi s-suesposti aggravji u t-twegiba ghalihom mis-socjeta` appellata ma jidherx li jkun inopportun, anke in vista ta' certi rilevanzi ta' indoli procedurali li gew sollevati, illi jigu rivisitati certi aspetti emanenti minn disposizzjonijiet varji tal-ligi:-

(1) Procedimenti kontra decizjoni arbitrali jistghu, ex-Artikolu 69A, isiru lil din il-Qorti <u>jew</u> b' talba li d-decizjoni titwarrab skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 70 <u>jew</u> b' appell fuq punt ta' ligi skond l-Artikolu 70A;

(2) Mill-ipotesijiet kalendati fl-Artikolu 70 jidher li dawn jirrigwardaw kazijiet ta' difetti ritwali ossija ta' <u>*errores in procedendo*</u> li jinnecessitaw l-impunjattiva tad-decizjoni. Taht il-profil ta' l-Artikolu 70A si tratta invece ta' <u>*errores in iudicando*</u> li jintitolaw d-dritt ta' appell mid-decizjoni fuq punt ta' ligi, kif ahjar rigwardat mill-ottika tas-subinciz (3) ta' l-istess Artikolu 70A;

(3) Kemm fil-kaz wiehed jew l-iehor, l-impunjattiva jew l-appell isiru b' rikors fi zmien hmistax-il gurnata minn notifika tad-decizjoni. Fil-kaz ta' appell pero` fuq punt ta'

ligi d-decizjoni trid tkun “finali” [Artikolu 70B (2)]. Kemm fil-kaz ta’ talba ghat-twarrib tad-decizjoni jew ta’ appell minnha fuq punt ta’ dritt hu dispost, ex-Artikolu 71A (2), illi r-rikors ma jistax isir jekk ir-rikorrent jew l-appellant ma jkunx qabel ezawrixxa (a) kull process kuntrattwali disponibbli ta’ appell jew revizjoni, jew (b) kull mezz disponibbli taht l-Artikoli 47, 48 jew 49 ta’ l-Att (Nru. II ta’ l-1996);

(4) L-ahhar disposizzjonijiet imsemmija jirreferu ghal kazijiet ta’ Tifsir tad-decizjoni (Artikolu 47), Tiswija tad-decizjoni (Artikolu 48) u l-Ghoti ta’ decizjoni addizzjonali (Artikolu 49);

Affermati dawn l-aspetti, jidher li s-socjeta` appellata tavvanza dawn il-proposizzjonijiet, u cjoe:

(i) Li ghad ma hemmx decizjoni finali gjaladarba hi ntavolt talbiet ghal decizjoni addizzjonali;

(ii) L-appellanti ma ezawrietx ir-rimedji li jsemmi l-Artikolu 71A (2) b’ referenza ghall-artikoli 47, 48 u 49;

(iii) L-appellanti ma ddefinietx x-xorta ta’ impunjazzjoni tad-decizjoni optata minnha;

Jibda biex jigi rilevat fil-kaz tal-kwestjoni enumerata (i) *supra* illi mill-inkartament tal-kaz jirrizulta illi fit-22 ta’ Novembru 2005 s-socjeta` appellata ressqet talbiet ghal decizjoni addizzjonali lill-Arbitru fit-termini ta’ l-Artikolu 49 ta’ l-Att. L-appell invece lil din il-Qorti gie mill-appellanti prezentat fil-21 ta’ Novembru 2005. Li jfisser allura fit-terminu statutorju utli ta’ hmistax-il gurnata una volta jirrizulta li l-lodo gie mill-appellanti ricevut fil-5 ta’ Novembru 2005. Is-socjeta` appellata tirraguna illi in vista ta’ dawk it-talbiet taghha ma ghadx hemm decizjoni finali u allura l-appell ghandu jitqies prematur. Ma’ din il-proposizzjoni din il-Qorti ma taqbelx. Dan ghall-motiv illi fil-mument li gie intavolat l-appell id-decizjoni kienet apparentement wahda finali u s-socjeta` appellata ma

kienetx ghadha introduciet it-talbiet taghha tendenti ghal decizjoni addizzjonali. Ghamel sewwa allura l-Arbitru li ssopprasjeda fir-rigward ta’ dawk it-talbiet, li baqghu hekk impregudikati, sakemm jigi definit l-appell;

Dwar it-tieni punt ta’ min josserva illi bl-uzu grammatikali tal-verb “tista’ titlob” espress fl-artikoli 47, 48 u 49 il-parti hi fakoltizzata li taghmel uzu minn dawk ir-rimedji u mhix xi haga imposta b’ obbligu fuqha. Ferma din l-osservazzjoni, ghandu mbaghad ifisser, kif hekk donnha tikkontendi s-socjeta` appellata, illi ghaliex il-parti ma titlobx ebda ordinanza minghand l-Arbitru fit-termini tal-precitati artikoli tal-ligi l-appell interpost mid-decizjoni ghandu jitqies irritwali. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti l-Artikolu 71A (2) (b) ma ghandux jigi interpretat fis-sens tad-deduzzjoni ristrettiva proposta mis-socjeta` appellata. Ma jaghmelx sens li jigi mitlub bilfors rimedju anke fejn dan mhux hekk necessarju, ghallanqas avut rigward tal-perspettiva soggettiva tad-decizjoni da parti ta’ l-appellanti jew ta’ min jintanta impunjattiva biex dik id-decizjoni tigi mwarrba. Jikkonsegwi illi jekk ghall-appellanti l-lodo hu ekwiparat ghal sentenza li ma tirrikjedi ebda mezzi rimedjali xort’ ohra, dik is-sentenza ma tistax ma titqiesx wahda finali li tkun idderimiet il-kontroversja. Oggettivament imbaghad, minn ezami ta’ l-istess lodo, jidher li l-provvediment arbitrali jikkomprendi fih l-elementi cari tal-partijiet razzjonali u decizjorja tas-sentenza u ta’ dak l-*animus decidendi* ta’ l-Arbitru dwar il-kwestjonijiet sottoposti ghall-ezami u d-decizjoni tieghu;

Kwantu ghat-tielet punt huwa minnu li l-appellanti ma ddikjaratx b’ mod esplicitu liema wahda mill-alternattivi senjalati fl-Artikolu 69A (2) kienet qed tezercita. Jidher pero` minn kunsiderazzjoni anke sommarja ta’ l-aggravji illi hawn si tratta ta’ appell mid-decizjoni ta’ l-Arbitru, kif prevvist mis-sub-paragrafu (ii) ta’ l-artikolu precitat. Jekk imbaghad dan l-appell jikkonsistix minn punt ta’ ligi jiddependi mill-istharrig li jrid jigi kondott ta’ l-aggravji sottomessi. Naturalment, fil-kors ta’ din l-indagini din il-Qorti jehtiegilha taccerta ruhha jekk effettivament jezistix

“il-punt ta’ ligi li jitnissel minn decizjoni finali” [Artikolu 70A (1) u taccerta ruhha wkoll jekk l-appellanti identifikatx dan il-punt ta’ ligi u specifikatx it-tifsira li hi tallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta’ ligi identifikat (Artikolu 70B (1)];

L-appell kif devolut bl-ewwel aggravju jippostula l-kanone tad-dritt applikabbli ghar-rigward tal-piz tal-prova. B’ allegazzjoni esplicita fih jinghad li s-socjeta` appellata ma pprovatx id-danni li hi tghid li sofriet b’ mod li ddizempjat ruhha mill-oneru nkombenti fuqha skond id-dettam ta’ l-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura ghal liema jirreferi l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 387;

M’ hemmx kwestjoni illi lil Qorti adita minn appell f’ dawn it-termini hi konsentita kontroll tal-meritu tal-gudizzju izda mhux ukoll ri-ezami tal-fatti tal-kaz, ossija sindakar tal-mankanzi allegati fl-apprezzament li talvolta jkun ghamel l-Arbitru. Bla dubju, il-valutazzjoni tal-fatti u tal-provi, istituzzjonalment rimessi lill-Arbitru mill-partijiet, ma humiex sindikabbli f’ din is-sede, hlief forsi fejn dik l-istess valutazzjoni ma tkunx logikament u kongruwament motivata jew ghall-kaz fejn l-Arbitru jkun ivvjola r-regola tad-dritt in materja. Li jfisser, li l-kontroll minn din il-Qorti ma jistax jirrigwarda l-konvinciment ta’ l-Arbitru fuq ir-rilevanza probatorja ta’ l-elementi istruttorji jekk din tkun wahda logika u fir-rispett tal-principji tad-dritt li jirregolaw il-mezz tal-provi;

Issa, kif gja rilevat, l-appellanti taghmel rikjam specifiku ghad-dispost tal-ligi li hi tghid li ma giex sew segwit jew adempit mill-Arbitru. Minn din l-ottika hi qeghda sa certu punt in sintonija ma’ dak li tippreskrivi l-ligi fl-Artikolu 70B. Hi, imbaghad, tipproponi, f’ kollegament mad-deduzzjoni li taghmel ta’ allegati lakuni ta’ stharrig tal-provi, illi minn dak riskontrat minnha fuq l-ezami ta’ l-istess provi, is-socjeta` appellata naqset milli tiskarika l-oneru tal-prova riferibilment ghad-danni li tghid li sofriet. F’ dan l-istess kuntest l-appellanti tirreferi ghall-fatti u provi li, dejjem fil-fehma taghha, kellhom jinducu lill-Arbitru ghall-percezzjoni

xort’ ohra tad-danni minn kif dawn gew ultimament likwidati;

F’ din l-ipotesi prospettata mill-appellanti jinsab ritenut mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni illi “*colui che impugna il lodo non puo limitarsi a richiamare genericamente le regole ma deve specificare i canoni in concreto violati, nonche il punto ed il modo in cui l’ arbitro si sia da essi discostato, non essendo sufficiente una semplice critica della decisione sfavorevole, formulata attraverso la mera prospettazione di una diversa (e piu` favorevole) interpretazione rispetto a quella adottata del giudicante, traducendosi questa in sostanza nella richesta di un nuovo accertamento di fatto, inammissibile in sede di legittimita*” (**Cass. 2001, Numru 2550; 1997, Numru 2720; App. Milano, 4 ta’ Gunju 2002**). Fi kliem iehor, il-Qorti ta’ l-Appell, investita bl-aggravju, ma tistax tipprovedi ghall-interpretazzjoni tal-fatti, diversa mir-rikostruzzjoni u valutazzjoni dwarhom mill-Arbitru dak li, in effetti, qed tippretendi l-appellanti li ghandu hekk isir. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk, in bazi ghall-kunsiderazzjonijiet premessi, jigi respint;

Bit-tieni objezzjoni taghha, l-appellanti tippretendi li, una volta gie valjat korrettement mill-Arbitru, id-dispost tal-klawsola 15.2.3 tal-ftehim bejn il-kontraenti, dan kellu jieqaf f’ din il-konstatazzjoni u mhux jinoltra ruhu, bl-applikazzjoni tal-principju tar-rinunzja, biex jezamina c-cirkostanzi negozjali li tkomplew, *ex post facto* ix-xoljiment. Fil-hsieb ponderat tal-Qorti dan l-ilment hu wkoll insostenibbli;

Innegabilment, il-vertenza quddiem l-Arbitru kienet tivverti wkoll fuq il-kunsiderazzjoni jekk it-terminazzjoni da parti ta’ l-appellanti kienetx ukoll, ghal certi cirkostanzi ohra, fattwalment wahda unilaterali u arbitrarja. In kwantu fil-fehma tal-Qorti l-investigazzjoni fuq din il-kwestjoni kienet tirrientra fil-mandat konferit lill-Arbitru, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha ticcensura lill-Arbitru dwar l-

apprezzament li ghamel tar-rizultanzi negozjali li tkomplew wara t-tmiem *ipso jure* tal-kuntrattazzjoni *inter partes* ghar-raguni fl-istess lodo dedott. F' dan certament il-Qorti ma tistax tindividwa l-punt ta' ligi li jinghad li gie vjolat;

Effettivament minn dak riskontrat fuq dan il-punt minn ezami tad-decizjoni appellata jidher li r-*ratio decidendi* taghha hi distinta f' zewg fazijiet, u cjoe:-

(i) l-affermazzjoni mill-Arbitru relattiv ghall-individwazzjoni tal-provi skrutinati;

(ii) il-valutazzjoni u l-interpretazzjoni tieghu ta' dawk il-provi u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom. Ezercizzju dan li jissottraji ruhu ghas-sindikar minn din il-Qorti. Biex jinghad kollox, il-kritika dwaru mill-appellanti mhix gusitifikata u ma twassalx b' mod konvincenti biex tinficja d-decizjoni;

Fil-konsiderazzjoni ta' l-ahhar doljanza relattiva ghad-dekors ta' l-imghax, ma jidherx li hu kuntrarju ghad-diskretiva rizervata lill-Arbitru dwar l-iffissar taz-zmien minn meta dan ghandu jibda jghaddi. Hu seta' allura, anke b' appliklazzjoni tan-norma okkorrenti tal-Kodici Civili (Artikolu 1141), jiddetermina li l-imghax jibda jghaddi mill-intima ufficcjali tat-terminazzjoni *ipso jure* tal-ftehim, kif hekk in effetti deherlu gustifikat li kellu jaghmel. Anke allura dan l-ahhar aggravju ma jimmerita ebda akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u d-decizjoni ta' l-Arbitru ikkonfermata. Konsiderati l-aspetti kollha involuti u decizi f' dan l-appell huwa gust li l-ispejjez gudizzjarji jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------